A.L. 69 ta' l-1982

ATT TA' L-1971 DWAR IL-KONTROLL FUQ IL-KWALITA' (ESPORTAZZJONJIET, IMPORTAZZJONIJIET U OĠĠETTI LOKALI)

(ATT NRU. XIII TA' L-1971

Ordni ta' l-1982 dwar Trab tal-Ħasil għal Għanijiet Ġenerali

(Ordni Nru. M9 ta' l-1982

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 ta' l-Att ta' l-1971 dwar il-Kontroll fuq il-Kwalità (Esportazzjonijiet, Importazzjonijiet u Oġġetti Lokali), u skond dak l-artikolu, il-Bord ta' Standards ta' Malta għamel l-ordni li ġej:—

Titolu u bidu. fis-seħħ.

1.1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1982 dwar Trab tal-Ħasil għal Għanijiet Ġenerali, u jista' jissejjaħ Ordni Nru. M 9 ta' l-1982.

1.2. Dan l-ordni għandu jibda jseħħ f'data wara li jgħaddu 20 jum mill-jum li fiha jitqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati, liema data għandha tiġi avżata mill-Bord b'avviż fil-Gazzetta.

Għan.

2.1. Dan l-ordni japplika biss għal trab tal-ħasil li normalment jintuża għall-ħasil tal-ħwejjeġ iżda li jista' jintuża għal għanijiet oħra ta' ħasil.

Komposizzjoni ta' trab tal-ħasil.

3.1. Ebda trab tal-ħasil ma jista' jiġi mportat, maħdum, mibjugħ jew offert għall-bejgħ kemm-il darba dan ma jkollux il-komposizzjoni li ġejja, espress fuq bażi xotta:

3.1.1. il-materjal attiv ajoniku totali ma jkunx inqas minn 15%;

3.1.2. il-kontenut ta' fosfati ma jkunx inqas minn 14% espress bħala P_2O_5;

3.1.3. is-siliku tas-sodju ma jkunx inqas minn 5% espress bħala *anhydrous sodium silicate* Na_2SiO_3;

3.1.4. l-aġent *antiredeposition* ma jkunx inqas minn 0.5%; u

3.1.5. *optical brightener* irid ikun preżenti.

3.2. Is-soluzzjoni ta' 1% tat-trab tal-ħasil m'għandux ikollha valur ta' pH aktar minn 10.

Ippakkjar.

4.1. Għandu jintuża reċipjent li ma tgħaddix l-umdità minnu.

Tikettjar.

5.1. Kull reċipjent ta' trab tal-ħasil għall-għanijiet ġenerali għandu juri bi stampa ċara u li tinqara tajjeb it-tagħrif li ġej:

5.1.1. il-fatt li r-reċipjent ikun fih trab tal-ħasil li ma jagħmilx rawa għal makni tal-ħasil awtomatiċi;

5.1.2. il-piż nett tal-kontenut f'unitajiet metriċi;

5.1.3. l-isem tal-marka jew *trade mark,* jew

5.1.4. l-isem u l-indirizz tal-manifattur;

5.1.5. meta l-isem tal-marka ma jitniżżilx f'lista miżmuma mid-Direttur ta' l-Industrja l-anqas it-*trade mark* ma tkun reġistrata mal-Kontrollur tal-Proprjetajiet Industrjali, l-isem u l-indirizz tal-manifattur ikun obbligatorju li jitniżżel fit-tikketta.

Data tal-manifattura.

6.1. Id-data tal-manifattura u/jew in-numru tal-*batch* għandhom jitniżżlu jew fuq il-pakketti jew fuq il-kartun siġillat li jkun fihom il-pakketti.

Analiżi.

7.1. Il-metodi ta' analiżi ndikati għal dan id-diterġent huma dawk pubblikati bħalissa mill-British Standard Institute f'B.S. 3762:1964.